GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

**ĊIRKOLARI**

Referenza: DG DES 01/2024

Mingħand: Ritianne Borg Saliba, Direttur Ġenerali, Direttorat għal Servizzi Edukattivi

Lil:
Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Diretturi / Assistenti Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (Statali, tal-Knisja u Indipendenti)
Uffiċjali Edukattivi / Kapijiet tad-Dipartiment
Ħaddiema (MEYR)

Suġġett: Dħul fl-Iskola tal-MVPA 2024/25

Data: 3 ta' Jannar 2024

---

Għeżież Ġenituri/Kustodji Legali,

L-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva ser tilqa' applikazzjonijiet minn studenti li mis-sena skolastika li jmiss jixtiequ jkomplu l-istudji akkademiċi tagħhom, kif ukoll jitħarrġu fl-arti viżwali u performattiva li jeċċellaw fiha.

Din l-iskola tilqa' fi ħdanha studenti bniet u subien minn Malta u Għawdex li **twieldu fl-2013**, li se jtemmu b'suċċess **is-sitt sena tagħhom fl-Iskola Primarja** u li huma meqjusa b'talent prominenti fl-arti viżwali u performattiva. Dawn l-istudenti huma eliġibbli biex japplikaw għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva.

Ser issir laqgħa *online* għall-ġenituri/kustodji legali, għal **KULL** Arti Viżwali u Performattiva permezz ta' **MS Teams** skont kif jidher fit-tabella:

| Data | Ħin | Arti Viżwali Performattiva | Link għal-laqgħa |
|---|---|---|---|
| 22 ta' Jannar 2024 | 09:00 – 10:00 | Mużika | Agħfas hawn |
| 24 ta' Jannar 2024 | 09:00 – 10:00 | Arti | Agħfas hawn |
| 24 ta' Jannar 2024 | 10:30 – 11:30 | Midja | Agħfas hawn |
| 25 ta' Jannar 2024 | 09:00 – 10:00 | Żfin | Agħfas hawn |
| 25 ta' Jannar 2024 | 10:30 – 11:30 | Drama | Agħfas hawn |

Dakinhar ser tingħata informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tal-għażla u r-rekwiżiti għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva. Aktar informazzjoni hi aċċessibbli fuq il-websajt https://mvpa.skola.edu.mt

**L-applikazzjonijiet se jiftħu nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar 2024** u se jkunu aċċessibbli u jistgħu jitniżżlu minn fuq il-websajt www.education.gov.mt

**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2024.**

Kopja taċ-ċertifikati u kwalifiċi iridu jintbagħtu fl-Uffiċju tal-Kap tal-Kulleġġ fuq l-indirizz elettroniku: stthomasmore.college@ilearn.edu.mt .

**Għal aktar tagħrif ċemplu fuq 25986039.**

**Ritianne Borg Saliba**
**Direttur Ġenerali**
**Dipartiment għal Servizzi Edukattivi**